# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## 14 Mejju Santa Marija Domenika Mazzarello

Twieldet fid-9 ta' Marzu 1837 gewwa Mornese. Pajjizha gie milqut mill-epidemija tat-tifu fis-sena 1860 u l-kappillan talab lil Marija biex toffri l-ghajnuna taghha lill-morda familjari taghha. Wara li ghenet u daret biz-zijiet taghha hija ccappset bil-marda fil-15 ta' Awissu. Minghajr sahha minkejja li seghet tqum xi ftit fuq riglejha hija kellha tabbanduna x-xoghol f'ghelieqi. Pero' il-ftit li setghet taghmel ghamlitu b'hegga kbira. Wara li tghallmet l-hjata hija fethet laboratorju tal-hjata biex tghallem is-sengha lit-tfajliet ta' Mornese.



Flimkien ma' tnejn minn shabha hija kkonsagrat lilha nfisha lil Marija bhala "Ulied l-Immakulata. " F'Ottubru tas-sena 1867 it-tlett zaghzagh waqqfu l-kommunita' taghhom. Huma ttrasferixxew ruhhom ghall-kullegg ta' Mornese moghti lilhom minn Don Bosco. Flimkien ma' 10 zaghzagh ohra huma taw bidu ghal-Istitut ta' Ulied Marija Awziljatrici, billi hadu l-voti taghhom. Kien l-istess Don Bosco li ghen lil Marija biex twaqqaf din il-kongregazzjoni ghal-edukazzjoni tat-tfajliet fqar. Fis-sena 1879 il-Casa Madre marret gewwa Nizza Monferrato fejn il-Madre Mazzarello mietet fl-14 ta' Mejju tas-sena 1881.fis-sena 1881.